Il-Kummissjoni Ewropea




# Erasmus+ 2021-2027

## Jistagħnew il-ħajjiet u jinfetħu l-imħuħ

permezz tal-programm tal-UE għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport

Erasmus+ għandu baġit stmat ta'

**€26.2 biljun**[1],

kważi d-doppju tal-baġit għall-programm ta' qabel (2014-2020). Dan l-ammont huwa kkumplimentat b'madwar

**€2.2 biljun**

mill-istrument ta' kooperazzjoni esterna tal-UE[2].

**Is-70% tal-baġit se jappoġġa opportunitajiet ta' mobbiltà**

għal kulħadd, b'perspettiva ta' tagħlim tul il-ħajja.

Il-mobbiltà permezz ta' Erasmus+ għandha effetti pożittivi fuq l-iżvilupp edukattiv, soċjali, personali u professjonali, fis-sens li ssaħħaħ l-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet, ittejjeb l-impjegabbiltà, tgħin fil-bini tal-fiduċja u fl-indipendenza, tistimula l-kurżità u l-innovazzjoni, trawwem lil dak li jkun biex jifhem lil ħaddieħor, u tibni sens ta' appartenenza Ewropea.

**It-30% tal-baġit se jiġi investit fi proġetti ta' kooperazzjoni u attivitajiet**

ta' żvilupp tal-politika li permezz tagħhom l-organizzazzjonijiet jiksbu esperjenza fil-kooperazzjoni internazzjonali, isaħħu l-kapaċitajiet tagħhom, jipproduċu approċċi innovattivi, jiskambjaw prattiki tajba u joħolqu networks. Permezz ta' dawn l-azzjonijiet, Erasmus+ se jkollu rwol importanti fit-tisħiħ tar-reżiljenza u fl-appoġġ għall-irkupru u l-innovazzjoni fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ taż-żgħażagħ u l-isport.

---

[1] Il-baġit tal-programm Erasmus+ huwa magħmul minn EUR 24.574 biljun fi prezzijiet attwali bħala parti mill-QFP il-ġdid (2021-2027) u żieda addizzjonali ta' EUR 1.7 biljun fi prezzijiet tal-2018.

[2] L-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) u l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III).

# Erasmus+ fil-qosor

Jappoġġa l-prijoritajiet u l-attivitajiet stabbiliti fiż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali u fl-Aġenda Ewropea għall-Ħiliet. Jgħin biex il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali isir realtà, jimplimenta l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ 2019-2027 u jiżviluppa d-Dimensjoni Ewropea fl-Isport.

Joffri opportunitajiet ta' mobbiltà u kooperazzjoni fl-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-edukazzjoni tal-adulti u tal-iskola (inkluż l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal) u lill-persunal li jaħdem maż-żgħażagħ u fl-isport.

Iqiegħed enfasi qawwija fuq l-**inklużjoni soċjali**, it-**tranżizzjoni ekoloġika** u dik **diġitali**, kif ukoll fuq il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika.

Jipprovdi programm għal kulħadd: Aktar inklużività għal persuni b'inqas opportunitajiet u aktar aċċessibbiltà għall-organizzazzjonijiet żgħar.

Jinvesti f'oqsma ta' studju mmirati lejn il-futur, bħal pereżempju t-tibdil fil-klima, il-ħiliet diġitali, l-enerġija nadifa, l-intelliġenza artifiċjali, ix-xjenzi tas-saħħa, eċċ.

Jappoġġa inizjattivi ewlenin bħall-Universitajiet Ewropej, iċ- Ċentri ta' Eċċellenza u DiscoverEU.

Jippromwovi **stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa** billi jappoġġa proġetti tal-isport tal-massa.

Jespandi l-opportunitajiet ta' mobbiltà u kooperazzjoni lil hinn mill-Ewropa.

Jipprovdi kooperazzjoni, bini tal-kapaċitajiet, skambji, networking u appoġġ politiku għall-organizzazzjonijiet u riformi fl-edukazzjoni, fit-taħriġ, fil-qasam taż-żgħażagħ, u fl-isport.



© Getty Images

© iStock

## Inklużjoni u diversità

Il-programm il-ġdid jipprova jżid l-impatt kwalitattiv tal-azzjonijiet tiegħu u jipprova wkoll jiżgura opportunitajiet indaqs. Għal dan il-għan, il-progamm se jkun immirat lejn persuni ta' etajiet differenti u minn sfondi kulturali, soċjali u ekonomiċi diversi. Se jiffoka fuq persuni b'inqas opportunitajiet, inkluż dawk b'diżabbiltà jew b'diffikultajiet edukattivi jew bi sfond ta' migrazzjoni, kif ukoll dawk li jgħixu f'żoni rurali u remoti.

## Erasmus+ Diġitali

F'konformità mal-prijoritajiet tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali, il-programm se jiżviluppa tagħlim diġitali aċċessibbli u ta' kwalità għolja, irawwem il-kapaċità tal-għalliema, ta' min iħarreġ u ta' dawk li jaħdmu maż-żgħażagħ, eċċ. biex jużaw għodod u kontenut diġitali, u jittestja u jippromwovi t-tagħlim mill-bogħod u t-tagħlim imħallat. L-azzjonijiet ta' mobbiltà tal-programm se jipprovdu għadd akbar ta' opportunitajiet biex jinkisbu u jiġu żviluppati ħiliet diġitali, permezz ta' inizjattivi bħal pereżempju l-iskema ta' Traineeships ta' Opportunità Diġitali.

L-implimentazzjoni tal-programm se tiġi diġitalizzata u ssimplifikata b'mod sinifikanti għall-parteċipanti, b'mod partikolari permezz tal-inizjattiva tal- Karta Ewropea tal-Istudenti u arkitettura informatika mġedda għall-benefiċjarji u l-korpi ta' implimentazzjoni.

## Erasmus+ Ekoloġiku

F'konformità mal- Patt Ekoloġiku Ewropew, il-programm se jmexxi bl-eżempju, billi jħeġġeġ lill-parteċipanti jużaw it-trasport b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju flok l-ajruplan. Il-finanzjament tal-Erasmus se jintuża wkoll biex jiżdied l-għarfien u nifhmu iktar is-sostenibbiltà u l-azzjoni klimatika, sabiex l-Ewropej jiksbu l-kompetenzi ewlenin fid-dinja meħtieġa biex jinħolqu soċjetajiet, stili ta' ħajja u ekonomiji sostenibbli.

# Opportunitajiet ta’ mobbiltà


© Unsplash


© iStock

**Il-mobbiltà tal-istudenti u tal-persunal hija l-attività ewlenija ta’ Erasmus+. Madwar 10 miljun individwu, inklużi studenti, min jitgħallem, l-għalliema u min iħarreġ fis-setturi kollha, huma mistennija li jipparteċipaw f’attivitajiet ta’ mobbiltà barra minn pajjiżhom kemm idum għaddej il-programm. Permezz tal-esperjenza unika tal-għajxien, l-istudju, it-taħriġ jew l-ivvjaġġar barra minn pajjiżhom, il-parteċipanti jiksbu fiduċja fihom infushom u ħiliet personali, jiskopru kulturi differenti u jibnu networks ta’ relazzjonijiet interpersonali u professjonali ma’ persuni minn pajjiżi oħra. Dan irawwem l-impjegabbiltà u l-parteċipazzjoni attiva tagħhom fis-soċjetà u jikkontribwixxi għal inklużjoni soċjali akbar u identità Ewropea msaħħa.**

**Permezz ta’ format u durata tal-mobbiltà aktar flessibbli, l-istudenti tal-edukazzjoni għolja se jkollhom saħansitra aktar opportunitajiet biex jistudjaw jew iwettqu traineeship fl-Ewropa u lil hinn minnha. L-app il-ġdida għall-mobile ta’ Erasmus+ se tappoġġahom f’kull pass tal-vjaġġ tagħhom**

.

## Ġdid

- Fl-edukazzjoni għolja, il-Programmi Intensivi Mħallta se jikkumbinaw flimkien it-tagħlim u x-xogħol f’timijiet online fuq naħa, u l-mobbiltà fiżika għal żmien qasir barra mill-pajjiż fuq in-naħa l-oħra.
- Il-programm il-ġdid jirdoppja l-għadd ta’ opportunitajiet offruti lill-istudenti tat-taħriġ vokazzjonali għall-mobbiltà għat-tagħlim għal żmien qasir u l-mobbiltà fit-tul (“Erasmus Pro”) u jiftaħ dawn l-opportunitajiet **għal pajjiżi barra mill-Ewropa**.
- Erasmus+ se jiffinanzja wkoll il-mobbiltà għat-tagħlim għal żmien qasir u fit-tul tal-istudenti tal-iskola, filwaqt li joffri esperjenzi barra mill-pajjiż kemm lil individwi kif ukoll lil klassijiet sħaħ.
- Il-programm se jappoġġa wkoll il-mobbiltà tal-istudenti adulti. Se joffri opportunitajiet ta’ taħriġ u edukazzjoni mfassla apposta għall-adulti, li b’hekk jibbenefikaw minn żvilupp personali jew titjib sostanzjali tal-kompetenzi ewlenin tagħhom.
- Biex jippromwovi l-**parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika**, il-programm se jappoġġa inizjattivi lokali u tranżnazzjonali mmexxija minn gruppi informali ta’ żgħażagħ jew organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ biex jinvolvu ruħhom u jitgħallmu jipparteċipaw fis-soċjetà ċivika permezz ta’ Attivitajiet ta’ Parteċipazzjoni taż Żgħażagħ.
- Wara fażi pilota ta’ suċċess, l-inizjattiva DiscoverEU wise tkun parti integrali mill-fergħa taż-żgħażagħ ta’ Erasmus+. Dawk li għandhom 18-il sena se jkollhom l-opportunità li jqattgħu sa xahar jivvjaġġaw madwar l-Ewropa, idealment bil-ferrovija. DiscoverEU tlaqqa’ flimkien liż-żgħażagħ Ewropej u tippermettilhom jiskopru l-wirt kulturali għani tal-Ewropa. Tagħtihom ukoll kompetenzi ewlenin u ħiliet għall-ħajja u tħeġġeġ liż-żgħażagħ iħaddnu drawwiet ta’ vvjaġġar sostenibbli.
- L-attivitajiet ta’ mobbiltà se jiġi kkomplementati b’opportunitajiet ta’ tagħlim tal-lingwi permezz tal-għodda ta’ Erasmus+ Appoġġ Lingwistiku Online jew forom addizzjonali oħra ta’ appoġġ lingwistiku.

# Proġetti ta' kooperazzjoni

**Erasmus+ se jżid l-appoġġ għal proġetti li jrawmu l-kooperazzjoni u l-iskambju tal-prattiki, filwaqt li jippermetti lill-atturi ewlenin jagħmlu użu aħjar mit-teknoloġiji l-ġodda, jiżviluppaw metodi innovattivi ta' tagħlim, taħriġ u studju, jippromwovu t-tagħlim mhux formali u jiżviluppaw għodod u attivitajiet komuni.**

## Ġdid

- Bis-saħħa tas-Sħubijiet fuq skala żgħira l-ġodda, firxa usa' ta' partijiet ikkonċernati se jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-programm. Ammonti baxxi ta' għotjiet, durati qosra u rekwiżiti sempliċi jistgħu jippermettu d-dħul ta' parteċipanti ġodda u organizzazzjonijiet żgħar.
- L-implimentazzjoni sħiħa tal-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej se tippermetti kooperazzjoni fil-fond u sistemika bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, li permezz tagħha se tiżdied il-kwalità u l-kompetittività tal-edukazzjoni għolja Ewropea.
- Il-pjattaformi taċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali se jiġu implimentati bis-sħiħ taħt il-programm il-ġdid. Dawn il-pjattaformi se jipprovdu ħiliet vokazzjonali ta' kwalità għolja, jappoġġaw l-attivitajiet intraprenditorjali u jrawmu l-inklużjoni u l-innovazzjoni.
- It-tnedija tal-Akkademji tal-Għalliema tal-Erasmus se tiġbor flimkien l-għarfien espert u tipprovdi taħriġ lill-għalliema u lil min iħarreġ, inkluż dwar it-tagħlim online u mill-bogħod, u tiżgura l-inklużjoni ta' studenti b'inqas opportunitajiet.
- Il-Master Konġunt tal-Erasmus Mundus se jkollu karatteristiċi ġodda biex jagħti spinta lill-parteċipazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja tal-pajjiżi sħab u joħloq opportunitajiet uniċi għall-mobbiltà tal-istudenti kemm fl-Ewropa kif ukoll lil hinn minnha.
- Biex jitrawmu l-innovazzjoni, il-kreattività u l-parteċipazzjoni, il-programm il-ġdid se jippromwovi Sħubijiet progressivi. Dawn huma proġetti fuq skala kbira li għandhom l-għan li jidentifikaw, jittestjaw u/jew jivvalutaw approċċi innovattivi li jkollhom il-potenzjal li jsiru komuni u jtejbu s-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ.
- Il-bini tal-kapaċitajiet ma' istituzzjonijiet f'pajjiżi sħab madwar id-dinja fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u l-isport se jikkumplimenta l-attivitajiet ta' bini ta' kapaċitajiet diġà eżistenti fl-edukazzjoni għolja u fil-qasam taż-żgħażagħ.
- Id-dimensjoni tal-isport tal-programm se tissaħħaħ permezz tal-promozzjoni ta' sħubijiet ta' kooperazzjoni u avvenimenti sportivi mingħajr skop ta' qligħ biex titqajjem kuxjenza dwar ir-rwol tal-isport f'diversi oqsma, bħal pereżempju l-opportunitajiet indaqs u l-attività fiżika favur is-saħħa.

# Appoġġ għall-iżvilupp ta' politika u l-kooperazzjoni




**Il-programm jipprovdi appoġġ għall-iżvilupp ta' politika u l-kooperazzjoni fil-livell tal-UE u jikkontribwixxi għar-riformi nazzjonali u l-modernizzazzjoni fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport. Dawn l-għanijiet huma segwiti permezz ta' tagħlim u skambji bejn il-pari, xogħol analitiku, stħarriġ, studji u kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, fost azzjonijiet oħra.**

**Il-proġetti Żgħażagħ Ewropej Flimkien se jappoġġaw l-iżvilupp ta' aktar kooperazzjoni strutturata aktar tranżnazzjonali – online u offline – bejn organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ differenti biex jinbnew jew jissaħħu sħubijiet li jiffokaw fuq is-solidarjetà u l-parteċipazzjoni demokratika ta' kulħadd.**

## Azzjonijiet Jean Monnet

**L-azzjonijiet Jean Monnet se jkomplu jagħtu kontribut sinifikanti għar-riflessjonijiet dwar l-integrazzjoni Ewropea billi jrawmu l-għarfien u l-kuxjenza dwar kwistjonijiet tal-UE. Il-programm il-ġdid iżid l-opportunitajiet għat-tagħlim, l-apprendiment u d-dibattitu dwar l-UE.**

### Ġdid

Il-programm Jean Monnet għall-iskejjel se jespandi l-azzjonijiet lil hinn mill-universitajiet għall-iskejjel u għal istituzzjonijiet oħra tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

# Trid issir taf iżjed?

**Żur is-sit web ta' Erasmus+ biex tesplora l-opportunitajiet kollha li joffri u l-pjattaforma tar-riżultati ta' Erasmus+ biex issir taf iżjed dwar il-proġetti finanzjati.**

**Il-Kummissjoni Ewropea, -Aġenziji Nazzjonali u l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni l-Awdjoviżiv u l-Kultura jimmaniġġjaw u jimplementaw il-programm.**

**Uża l-pjattaformi li ġejjin biex tibda l-vjaġġ tiegħek ta' Erasmus+!**

Il-pjattaforma eTwinning għall-għalliema u l-persunal tal-iskejjel.

Il-Portal tal-Edukazzjoni Skolastika għall-għalliema, dawk li jfasslu l-politika, ir-riċerkaturi tal-edukazzjoni.

Il-pjattaforma EPALE għall-professjonisti tal-edukazzjoni għall-adulti.

Il-Portal Ewropew taż-Żgħażagħ u Youthpass għaż-żgħażagħ u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ.

## Segwina fil-midja soċjali

@EUErasmusPlusProgramme

@European_Youth_EU

@EUErasmusPlus

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021 © L-Unjoni Ewropea, 2021

Print ISBN 978-92-76-29845-8 doi: 10.2766/17888 NC-02-21-132-MT-C
PDF ISBN 978-92-76-29674-4 doi: 10.2766/491685 NC-02-21-132-MT-N

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea